MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 24 ta' Jannar, 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan Vella)**

**vs**

**Robert Brincau**
**(K.I:437373M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Robert Brincau** li ġie akkużat talli matul il-jum tal-21 ta' Awwissu, 2022, għall-ħabta ta' bejn il-17:30hrs u s-18:15hrs, fl-inħawi tal-Għassa tal-Għadira ġewwa Triq il-Marfa, Mellieħa u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

***1.*** Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **Liam Doublet** f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Sylvano Mizzi bin-numru tar-reġistrazzjoni mediku 6378 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta u bi ksur ***tal-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

2. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil **Liam Doublet**, b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għalih u dan bi ksur ***tal-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

3. Għamel inġurji jew theddid lil **Liam Doublet** li mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ***tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

4. Żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Att dwar l-Armi (Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta) mingħajr ma kellu liċenzja taħt dak l-Att u dan bi ksur ***tal-Artikolu 5(1) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta***;

5. Talli waqt li kien qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-Gvern jew kontra l-persuna jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti u dan bi ksur ***tal-Artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta***;

6. Volontarjament, kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u/jew storbju u dan bi ksur ***tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

U aktar talli matul il-jum tal-21 ta'Awwissu, 2022, fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

7. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded lil **Charlton Caruana** li jagħmel xi reat u dan bi ksur ***tal-Artikolu 49(a) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta***;

8. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur ***tal-Artikolu 49(c) tal-Kap. 339 tal-Liġijiet ta' Malta***.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-imputat u lil martu;

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Semgħet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkużat b'inċident li allegatament seħħ fil-21 ta' Awwissu, 2022, ġewwa l-Mellieħa.

Mix-xhieda mismugħa jirriżulta illi fil-ġurnata in kwistjoni nqala' battibekk bejn l-uffiċjali tal-Malta Red Cross u l-uffiċjali tal-Kumpanija Alpha Medical u dan wara li ma kienx hemm qbil dwar kif pazjent kien se jiġi trasportat lejn l-Isptar. Iktar tard marret fuq il-post Marie Paulette Fenech, Direttur Ġenerali tal-Malta Red Cross, u mart l-imputat, flimkien mal-imputat, fejn kellmet lix-xufier tal-ambulanza ta' Alpha Medical, u ċioe` lil Liam Doublet u dan filwaqt li l-infermiera tal-Alpha Medical, u ċioe` Daniela Dingli kienet qed tikkura pazjenta ġewwa l-ambulanza li kienet ipparkjata biswit l-Għassa tal-Għadira.

**Liam Doublet** xehed illi malli l-imputat wasal ħdejh qallu "ma' tar-Red Cross ma tiċċajtawx" u f'daqqa waħda tah daqqa ta' ras u x-xhud tah daqqa ta' ponn fejn hemmhekk l-imputat ħareġ pistola minn wara u ppuntaha lejn Doublet. Hemmhekk intervjeniet mart l-imputat u qaltlu "daħħal minn hemm tikkummidjax b'dawn l-affarijiet" u l-imputat daħħal l-arma lura u s-sitwazzjoni bdiet tikkalma naqra żgħira. Doublet iddeskriva l-arma bħala 9 millimeter, li kienet *silver* fuq bil-*grip* iswed. Ix-xhud jgħid li l-imputat hedded lilu u lill-familja tiegħu u dan ġie anke maqbud fuq filmat. Jgħid li wara li kkalmat is-sitwazzjoni huwa mar jiċċekkja fuq il-bajja għax kien mingħalih li ħalla l-*board* warajh u wara hu u l-infermiera baqgħu sejrin jagħmlu rapport l-Għassa. Spjega wkoll illi madwar tletin metru 'l bogħod kien hemm Pulizija fuq l-*istage* jistenna biex jaqbad tal-linja pero` ma ntervjeniex. Doublet spjega li l-kollega tiegħu, u ċioe` n-nurse, kienet ġibdet filmat pero` ma kinitx qabdet l-inċident mill-bidu. Huwa qal li wara li l-imputat ippuntalu l-arma, kesaħ u mmuta, pero` wara xi ħin ikkalma u tkellem mal-imputat, pero` xorta kien għadu mwerwer peress li l-imputat kellu l-arma fuq wara. Sussegwentement, meta l-imputat u martu telqu minn fuq il-post, Doublet, l-infermiera u l-imgħallem tagħhom marru jagħmlu rapport l-Għassa.

**Daniela Dingli** spjegat li hija infermiera mal-Kumpanija Alpha Medical u li fil-ħin tal-inċident hija kienet ġol-ambulanza ddewwi persuna. Tgħid li f'ħin minnhom rat lill-imputat jagħti daqqa' ta' ras lil Doublet u dan tah daqqa ta' ponn lura. Hija rat ukoll lill-imputat joħroġ pistola minn wara u jippuntaha ma' ras Doublet. Tispjega li dak il-ħin iffriżat. Nel frattemp ġiet persuna li kienet qiegħda mal-imputat u ppruvat tferraqhom u x-xhud bdiet tieħu l-filmat. Spjegat li l-pazjenta li kien hemm fl-ambulanza rat l-arma wkoll għaliex qaltilha "intom hekk jiġu għalikom b'arma?" Tispjega li pero` wara dan l-episodju s-sitwazzjoni kkalmat u meta l-imputat kien sejjer lura lejn il-vettura tiegħu hija

ratlu l-arma fuq wara. Mistoqsija mid-difiża jekk kinitx ħadet ritratt tal-pistola meta ratha fuq wara tax-*shorts* tal-imputat hija wieġbet li le.

**Charlton Caruana** xehed li huwa s-sid u d-direttur tal-Kumpanija Alpha Medical, liema Kumpanija tipprovdi servizzi mediċi u ambulanzi fil-privat. Spjega li fl-2017 kien ħareġ *tender* għal servizz ta' *lifeguards* u rebħitu l-Kumpanija tiegħu u dana għaliex kellhom prezz irħas minn tar-Red Cross. Spjega li minn dak iż-żmien beda t-theddid mill-imputat. Spjega li għax-xhur tas-sajf ta' din is-sena l-Alpha Medical kienet ingħatat kuntratt mill-Malta Tourism Authority sabiex tipprovdi servizz ta' ambulanza fin-naħa t'isfel u ta' fuq ta' Malta. Fil-ġurnata tal-inċident kien qiegħed jgħum għand xi ħbieb u l-*partner* tiegħu qaltlu li kellu l-mobile qed idoqq. Fil-fatt huwa sab *missed calls* mingħand l-imputat u martu. Għalhekk ċempel lura lill-imputat fejn l-imputat qabad jgħajjat biex in-nies tiegħu (ta' Charlton) iħallu bi kwiethom lin-nies tiegħu. Ix-xhud spjega lill-imputat li issa huwa d-Direttur tal-Ħabs u li m'għandux x'jaqsam iktar mar-Red Cross u għalhekk temm it-telefonata. Wara ċempel lil Paulette, mart l-imputat, fejn kellu konverżazzjoni fit-tul magħha u spjegalha li l-Kumpanija tiegħu għandha kuntratt biex jagħtu assistenza f'każijiet ta' emerġenza. Madankollu mart l-imputat baqgħet tinsisti li huma ma jirrikonoxxux is-servizz tal-Kumpanija Alpha Medical. Fl-aħħar tad-diskursata x-xhud infurmaha li l-għada kien se jinforma lill-Malta Tourism Authority sabiex tagħti xi ħaġa bil-miktub lir-Red Cross dwar is-servizzi tal-Kumpanija Alpha Medical. Kif qata' t-telefonata ma' Paulette, il-*partner* tiegħu infurmatu li Liam kien qed jipprova jċempillu urġenti. Għalhekk ċempel lil Liam li qallu li s-*supervisor* tar-Red Cross ippuntalu arma lejn rasu. Għalhekk idderiġa lil Liam u lil Daniela imorru l-Għassa. Nel frattemp Daniela bagħtitlu filmat fejn għaraf lill-imputat u semgħu jgħid lil Liam "noqtol lilek u l-familja kollha". Spjega li sussegwentement, fi triqtu lejn l-Għassa, ċempel lill-imputat u qallu biex jekk irid darb'oħra jipponta l-arma lejh u mhux lejn l-istaff tiegħu. L-imputat qallu "ma nafx x'qed tgħid".

**Ylenia Formosa** xehdet illi fil-ġurnata in kwistjoni kellha bżonn assistenza medika u kienet fl-ambulanza stazzjonata l-Għadira biex tiġi mdewwija fejn setgħet tara lix-xufier tal-ambulanza u persuna oħra qishom jilletikaw. F'ħin minnhom l-infermiera li kienet qed tikkuraha għamlitilha sinjal biex ma titkellimx u bdiet tiġbed filmat. Xi ħin wara, l-persuna li kienet qed targumenta max-xufier mar ħdejn il-bieba tal-ambulanza u qal lill-infermiera "rajtek tieħu l-video". Spjegat illi hija kienet rat arma mdaħħla fuq wara tal-*bermuda* tal-imputat pero` fl-ebda ħin ma rat l-arma ippuntata ma' ras xi ħadd. Mistoqsija jekk kinitx qatt rat l-arma esebita jew arma bħalha, hija wieġbet li le, pero` spjegat li tiftakar xi ħaġa griża skura u li hi ma tifhimx fl-armi, fis-sens li ma kinitx ħa tagħrafha. Ix-xhud xehdet li l-infermiera kienet ixxukjata meta rat l-arma pero` ma kinitx tiftakar min raha l-ewwel, u ċioe` jekk hux hi jew in-

*nurse*. In kontro-eżami x-xhud wieġbet illi dak li rat ma kienx *mobile* għaliex fil-post fejn rat l-arma ma jiflaħx *mobile*. Skont ix-xhud dak li rat kien ċar li kienet arma.

**Saviour Farrugia,** uffiċjal fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, xehed illi l-imputat jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tal-istess Facilita`, u li skont ir-rekords ngħata arma tas-servizz mudell Glock 43 fis-7 ta' Frar, 2022.

**L-imputat** xehed li huwa għamel wieħed u għoxrin sena voluntier mar-Red Cross pero` llum il-ġurnata m'għandu l-ebda kariga fl-istess organizzazzjoni ħlief li jagħti *support* bl-*expertise* tiegħu. Spjega li fil-ġurnata in kwistjoni kien mar mal-mara tiegħu l-Għadira peress li kienet irċeviet rapport li kien hemm inċident bejn l-uffiċjali tar-Red Cross u l-membri tal-A Medical. Spjega li meta waslu fuq il-post huwa ntervjena fid-diskursta li kienet qed issir bejn martu u Liam Doublet u qallu "Din mhux se terġa' tiġri." B'referenza għall-membru tar-Red Cross li kellu xi jgħid ma' Doublet iktar kmieni dik il-ġurnata, l-imputat qal lil Doublet "*Dan jiflah jimbotta lilek bil-familja b'kollox.*" L-imputat jgħid li kienu viċin xulxin pero` fl-ebda ħin ma kienu aggressivi lejn xulxin. Jispjega li dan l-episodju dam qisu bejn għoxrin sa ħamsa u għoxrin minuta f'liema ħin komplew ipaċpċu b'mod normali. Fir-rigward tal-arma, spjega illi dakinhar l-arma ma kinitx fuqu.

Spjega li fil-ħin tal-inċident kien liebes *bermuda* u fuqu kellu l-*mobile* u l-*wallet*. Il-wallet kien fil-bermuda fuq wara, nofsu ġewwa u nofsu barra u l-mobile kien f'idejh. L-imputat għamel allegazzjonijiet dwar suspetti li huwa għandu dwar kif ir-ritratt ta' arma bħal tiegħu, liema arma hija partikolari, spiċċa fuq blog ta' persuna partikolari u dwar *links* li fil-passat kien hemm bejn l-A Medical u l-Ħabs. Pero` ma daħal fl-ebda dettall dwar dawn l-allegazzjonijiet. In kontro-eżami l-imputat wieġeb li l-arma in kwistjoni kienet partikolari għax mhix Glock normali. Dana għaliex il-qies tagħha huwa bejn żewġ qisien u l-kulur tagħha mhux iswed kollu bħall-Glock normali.

**Marie Paulette Fenech** xehdet illi hija d-Direttur Ġenerali tal-Malta Red Cross. Spjegat li fil-ġurnata in kwistjoni rċeviet telefonata li kien hemm argument fuq il-bajja tal-Għadira. Għalhekk wara xi ħin iddeċidiet li tmur fuq il-post pero` l-ambulanza tal-Alpha Medical ma kinitx fuq il-post u ġiet ftit wara. Hija marret tkellem lix-xufier u staqsietu jekk hux veru mbuttaw lin-nies tar-Red Cross u huwa kkonfermalha li kien veru. F'mument minnhom intervjena l-imputat minn warajha b'leħen għoli u hi qaltlu biex ibaxxi leħnu pero` ma kien hemm ebda vjolenza, la armi nvoluti u lanqas theddid. Tispjega li f'xi ħin hija ċemplet lis-Sur Caruana u telqet minn ħdejn Doublet u l-imputat. In kontro-eżami hija nnegat li rat lill-imputat jiġi mbuttat b'ċertu forza.

Il-Prosekuzzjoni esebiet diversi affidavits fosthom tas-Supretendent Priscilla Caruana Lee u tal-Ispettur Ryan Vella li kkonduċew l-investigazzjonijiet u ħadu diversi stqarrijiet tal-persuni konċernati, liema persuni kollha eventwalment xehdu f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif jista' jiġi apprezzat mis-sunt ta' xhieda riprodotta iktar 'il fuq, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet li f'mumenti kruċjali tagħhom huma kontrastanti. Fuq naħa hemm il-verżjoni ta' Doublet, Dingli u Formosa li kollha f'xi ħin jew ieħor raw arma fil-pussess tal-imputat filwaqt li l-imputat u martu jgħidu li dakinhar tal-inċident l-imputat ma kellu ebda arma fuqu.

Kwindi biex il-Qorti tasal għal deċiżjoni trid neċessarjament tiżen sew kull dettall li ġie pprovdut lilha tramite l-provi mressqa miż-żewġ partijiet.

Illi kif jirriżulta mix-xhieda tal-imputat stess, l-arma in kwistjoni hija waħda partikolari kemm għaliex id-daqs tagħha huwa bejn żewġ qisien u wkoll għaliex il-lewn tagħha mhuwiex kollu iswed bħal Glock normali. Illi kemm Doublet, Dingli u Formosa kollha ddeskivew l-arma li raw. Doublet iddeskriviha bħala "silver fuq u l-grip kien iswed". Dingli ddeskriviet l-arma bħala li "Kienet silver minn fuq u iswed minn isfel" filwaqt li Formosa, li ma ratx lill-imputat jipponta l-arma lejn ras Doublet, iddeskrivietha bħala "qisu xi griż skur jekk niftakar sew. Iswed? Griż skur naħseb." **Illi l-Qorti tissottolineja li dawn id-deskrizzjonijiet ingħataw mix-xhieda quddiem din il-Qorti qabel ma huma ntalbu jidentifikaw l-arma li ġiet esebita mill-Prosekuzzjoni. L-istess deskrizzjoni ingħatat *a tempo vergine* waqt li kienet qiegħda tittiħdilhom il-verżjoni tagħhom mill-Pulizija.**

Illi oltre minn hekk, din il-Qorti kellha l-opportunita` li tara l-filmati tas-CCTV li nġabru mill-inħawi ta' fejn seħħ l-inċident. F'dawn il-filmati tidher il-wasla tal-vettura tal-imputat u l-wasla, iktar tard, tal-ambulanza misjuqa minn Doublet. Illi dawn il-filmati mhumiex daqshekk ċari pero` l-Qorti setgħet tieħu stampa ċara tad-dinamika kif seħħew l-affariijiet. Illi minn eżami tal-filmati jirriżulta illi fis-17:48hrs waslet l-ambulanza tal-Alpha Medical u pparkjat b'mod li tgħattiet il-viżwali kollha tagħha. Jidher l-imputat riesaq lejn l-ambulanza u fil-ħin 17:51:04hrs jidher li l-imputat irċieva azzjoni li biha ġie mbuttat lil hinn minn fejn kienet ipparkjata l-ambulanza. Illi din il-Qorti ffukat proprju fuq il-parti fejn seħħet din l-azzjoni permezz ta' lenti li għamlitha iktar faċli taqbad id-dinamika tal-inċident. Ftit wara jidher ukoll illi l-imputat idawwar idejh fuq wara tal-bermuda qisu qed iġib xi ħaġa. Il-Qorti ma setgħetx tidentifika dak li seta' nħareġ minn wara tal-*bermuda* tal-imputat. Skont dak li xehed Doublet, l-imputat ħareġ l-arma esebita in atti. Pero` l-Qorti setgħet

tosserva illi dak li qal Doublet waqt l-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija hija fidila għal dak li l-Qorti rat fil-filmati fosthom illi wara li seħħ l-inċident tal-arma, is-sitwazzjoni kkalmat u kien biss wara diversi minuti li l-imputat mar lejn il-karozza. Doublet jiddeskrivi din il-parti bħala li l-imputat mar lejn il-karozza u poġġa l-arma. Il-Qorti ma setgħetx tara eżattament x'poġġa l-imputat fil-vettura, pero` tista' tikkonferma li wara diversi minuti li l-imputat intlemaħ jiġi mbuttat 'il barra, huwa mar lejn il-vettura, fetaħ il-bieba tal-passiġġier u daħal fl-istess vettura. Il-Qorti tosserva illi sakemm ittieħdet il-verżjoni ta' Doublet, l-istess Doublet ma kellu ebda aċċess għall-filmati tas-CCTV stante li dawn inġabru mill-Pulizija fl-24 ta' Awwissu 2022 u dan kif jirriżulta mill-affidavit ta' PS 55 u mill-affidavit ta' PC318.

Illi Doublet spjega wkoll illi huwa ta daqqa ta' ponn lill-imputat wara li dan tal-aħħar tah daqqa ta' ras. Illi din id-dinamika tikkombaċa ma' dak li l-Qorti rat fil-filmati tas-CCTV. Madanakollu kemm l-imputat u kif ukoll martu jinnegaw li kien hemm xi aggressjoni da parti kemm tal-imputat u kif ukoll ta' Doublet. Illi l-Qorti temmen li fil-fatt kien hemm l-aġir kif deskritt minn Doublet għax ma hemm ebda spjegazzjoni oħra kif l-imputat safa imbutatt lura. Prova tad-daqqa li Doublet qala' hija ċ-ċertifikat mediku rilaxxat dakinhar stess tal-inċident miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta fejn ġie ċertifikat li kien qiegħed isofri minn uġiegħ fl-imnieħer, liema ferita kienet kompatibbli ma' dak mistqarr minnu kemm quddiem din il-Qorti u kif ukoll fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija fejn spjega illi mad-daqqa n-nuċċali niżillu u għafaslu fuq imnieħru.

Illi l-imputat da parti tiegħu spjega illi filwaqt li huwa minnu li huwa għandu fil-pussess tiegħu arma tas-servizz, din ġeneralment ma joħroġhiex miegħu meta ma jkunx fuq xogħol. Fil-fatt jixhed li dakinhar tal-inċident huwa ma kellux l-arma fuqu u li meta l-Pulizija l-għada marru jagħmlu t-tfittxija sabuha fil-basket tax-xogħol. Illi l-Qorti m'għandha ebda dubju li meta l-Pulizija għamlu t-tfittxija huma sabu l-arma fil-basket tax-xogħol tal-imputat. Pero` dan ma joffri l-ebda suffraġju għat-teżi tal-imputat. Naturalment dakinhar li saret it-tfittxija l-imputat seta' daħal għax-xogħol u kwindi l-fatt li l-arma nstabet fil-basket tax-xogħol m'għandhiex tirriżulta xi ħaġa stramba.

Illi l-Qorti, wara li qieset il-provi kollha prodotti hija tal-fehma illi ma ssib ebda raġuni valida għala Doublet u Dingli kellhom jivvintaw dan l-inċident, u dan kif qiegħed jallega l-imputat. Il-Qorti ma ssib ukoll ebda raġuni valida għaliex Formosa, li nzertat qiegħda tiġi kkurata fil-ħin tal-inċident fl-ambulanza, u li ma jirriżulta li għandha ebda konnessjoni mad-ditta Alpha Medical jew mad-diriġenti jew impjegati tagħha, kellha tivvinta avvenimenti daqshekk inkwetanti li skont l-imputat ma seħħewx. Il-Qorti m'għandha ebda raġuni plawsibbli biex tieħu in kunsiderazzjoni illi din l-istorja kollha ġiet ivvintata minn Charlton Caruana għal raġunijiet li jafhom biss l-imputat. Filwaqt li l-Qorti ħadet

konjizzjoni li l-imputat, waqt ix-xhieda tiegħu, għamel allegazzjonijiet fir-rigward ta' terzi persuni, dawn baqgħu allegazzjonijiet u ma humiex biżżejjed sabiex din il-Qorti tiskarta l-verżjoni ta' Doublet, Dingli u Formosa, liema verżjoni hija waħda ċara, skjetta u dettaljata ta' kif ġara l-inċident. Dan iktar u iktar meta l-verżjoni offruta minn Doublet hija korroborata bil-filmati li ġew elevati minn fuq il-post.

Illi filwaqt li l-Qorti taqbel mad-difiża illi f'ċirkostanzi normali persuna li tara perikolu imminenti għaliha jew għal ta' madwarha ċċempel lill-Pulizija, madanakollu ma tara xejn stramb illi Dingli kienet taħt xokk b'dak li rat u minflok ċemplet lill-Pulizija qabdet tieħu filmat ta' dak li kien qiegħed jiġri. Lanqas ma l-Qorti tara stramb illi Doublet ma sejjaħx lill-Pulizija li suppost kien fil-viċinanzi. Il-Qorti tista' tifhem li Doublet kien għadu kemm ġie mhedded b'arma ppuntata lejh u li fil-fehma tiegħu li kieku rraporta dak il-ħin l-affarijiet setgħu ippreċipitaw. Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-waqt li huwa minnu li fil-viċinanzi kien hemm uffiċjal tal-Pulizija jistenna fuq l-istage, ma jirriżultax li dan ra l-inċident, jew jekk rah għażel li ma jintervjenix.

Illi għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-Liġi li fil-fatt l-imputat hedded, ħebb u kkaġuna ferita ħafifa fuq Doublet u għalhekk ġew ippruvati l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni. Pero`, minkejja l-aġir tiegħu, ma jirriżultax illi l-imputat għajjat jew għamel xi storbju li bih kiser il-paċi pubblika u kwindi s-sitt imputazzjoni ma tirriżultax.

Illi l-Qorti se tgħaddi issa biex teżamina jekk jirriżultawx ir-raba' u l-ħames imputazzjoni, u ċioe` jekk l-imputat ġarrx barra minn xi fond arma tan-nar mingħajr ma kellu liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-uffiċjal tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin Saviour Farrugia ikkonferma li l-imputat, *qua* Kap Eżekuttiv tal-istess Faċilita`, ngħata arma mudell Glock 43 fis-7 ta' Frar 2022. L-imputat spjega li din l-arma ngħatat bħala għażla għas-sigurta` personali tiegħu in vista tal-kariga li jokkupa. Min-naħa l-oħra, l-uffiċjal tal-Pulizija RPC 3018 Ismene Fenech xehdet illi l-imputat m'għandu ebda liċenzja maħruġa favur tiegħu mill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` biex iżomm xi tip ta' arma.

Illi fl-istqarrija li l-imputat irrilaxxja lill-Pulizija huwa spjega li huwa għandu l-awtorita` li jġorr arma fuqu taħt l-Att dwar il-Ħabs u li kellu l-*card* tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin li juri li jista' jġorr arma fuqu. Kopja ta' din il-*card* ġiet esebita f'dawn il-proċeduri u testwalment tgħid is-segwenti:

*“DUTIES AND POWERS OF PRISON OFFICERS*

*Kap 260 Art 11 (2) In the performance of their duties within a prison and when on escort duties with prisoners outside the prisons, prison officers shall be vested with all such functions, powers and duties as are by law vested in an officer of the Malta Police Force.”*

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti l-imputat spjega li huwa kien għamel laqgħat mal-Kummissarju tal-Pulizija u mal-Avukat Ġenerali dwar il-permess għal-ġarr tal-arma. Xehed li l-Avukat Ġenerali kien tal-fehma illi l-ġarr ta’ arma jista’ jaqa’ taht *grey area*. Spjega li hemm formulata *Standard Operating Procedure* dwar il-ġarr ta’ armi li pero` kienet għadha qiegħda tiġi diskussa.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi Artikolu 11 (2) tal-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta’ Malta bl-ebda mod ma jammonta għall-permess imsemmi f’artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta. Dan ifisser illi sabiex uffiċjal tal-Ħabs jista’ jġorr arma fuqu fil-ħinijiet li ma jkunx qiegħed jaqdi l-funzjonijiet imsemmija f’artikolu 11 (2) tal-Kapitolu 260 irid neċessarjament il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. Illi għaldaqstant, ladarba din il-Qorti hija konvinta li l-imputat kellu fuqu arma fil-ħin tal-inċident, u ċioe` f’ħin meta ma kienx qed jaqdi dmirijietu ġewwa l-Ħabs u lanqas kien qed jeskorta priġunieri barra l-Ħabs, jirriżulta li din l-arma kienet qiegħda tinġarr mingħajr il-permess neċessarju tal-Kummissarju tal-Pulizija. Peress li jirriżulta li l-imputat wettaq reat kontra l-persuna, u ċioe` ferita ħafifa, allura tirriżulta wkoll il-ħames imputazzjoni.

Illi finalment il-Qorti tqis illi s-seba’ u t-tmien imputazzjoni ma jirriżultawx u dana għaliex Charlton Caruana fl-ebda ħin tax-xhieda tiegħu ma semma xi kliem speċifiku ta’ theddid fil-konfront tiegħu da parti tal-imputat.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta l-Qorti tqis illi dan l-inċident huwa wieħed gravi, iktar u iktar tenut kont tal-kariga tal-imputat. Di fatti l-piena maħsuba għar-raba’ imputazzjoni hija dik minn tliet (3) xhur sa ħames (5) snin priġunerija, filwaqt li l-piena maħsuba għall-ħames imputazzjoni hija dik ta’ massimu ta’ erba’ (4) snin priġunerija. In oltre l-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta jeskludi l-possibilita` li Qorti tapplika l-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta f’każ ta’ ħtija.

Illi filwaqt li l-Qorti rat li l-imputat għandu fedina penali netta, min-naħa l-oħra l-imputat irid ċertament jifhem li dak li għamel bl-ebda mod ma jista’ jiġi punit b’mod leġġer. Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti temmen li piena karċerarja mhix idoneja fiċ-ċirkostanzi, u dana tenut kont il-fedina penali netta, min-naħa l-oħra

se tkun qiegħda timponi piena li biha l-imputat irid joqgħod ferm attent li ma jikkommettix reati oħra fil-futur.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq espressi, wara li rat artikolu 214, 222 (1), 339 (1) (b), 339 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali u artikolu 5 (1) u 55 (a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputat Robert Brincau ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa u ħamsa u tikkundannah għal tnax (12)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal żmien tliet (3) snin mil-lum, filwaqt li tilliberah mis-sitt, mis-seba' u mit-tmien imputazzjoni stante li ma jirriżultawx ippruvati.

In oltre, ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti qiegħda toħroġ Ordni ta' Trażżin ghal żmien tliet snin sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Liam Doublet, Charlton Caruana u Daniela Dingli, liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, ai termini tal-artikou 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna l-konfiska tal-arma esebita tat-tip Glock bis-*serial number* BRZR 300 flimkien ma għaxar (10) bullets ta' disa' millimetri (9mm) li huma mmarkati bħala Dokument RB1 u Dokument RB2.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tikkundanna lill-ħati iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż peritali, senjatament relatati mal-inkarigu tal-espert Keith Cutajar, inkorsi f'dawn il-proċeduri fl-ammont ta' disa' mija, wieħed u sebgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€971.95).

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**